Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0901(NLE)

14.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew
(N9-0053/2023 – C9-0342/2023 – 2023/0901(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Irene Tinagli

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....3

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew
(N9-0053/2023 – C9-0342/2023 – 2023/0901(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Settembru 2023 (C9-0342/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 26(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-7 ta' Novembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà demokratika u tas-superviżjoni tal-eżerċizzju tal-kompiti mogħtija lill-BĊE fi ħdan il-qafas tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjieg fis-servizz pubbliku[4],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

A. billi l-Artikolu 26(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 jipprevedi li l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippreżenta lill-Parlament il-proposta tiegħu għall-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju u li l-President għandu jintgħażel abbażi ta' proċedura ta' għażla miftuħa, li dwarha l-Parlament u l-Kunsill għandhom jinżammu infurmati kif xieraq, minn fost individwi ta' reputazzjoni u esperjenza rikonoxxuta fi kwistjonijiet bankarji u finanzjarji li mhumiex membri tal-Kunsill Governattiv;

B. billi l-Artikolu 26(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 jipprevedi li l-ħatriet għall-Bord Superviżorju skont dak ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-bilanċ bejn is-sessi, l-esperjenza u l-kwalifiki; billi l-Parlament huwa impenjat li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri fl-ogħla pożizzjonijiet fil-qasam tas-servizzi

[1] ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63
[2] ĠU L 320, 30.11.2013, p. 1
[3] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 105.
[4] ĠU C 270, 7.7.2021, p. 113.

bankarji u finanzjarji; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri;

C. billi f'konformità mat-tieni u t-tielet inċiż tal-Kapitolu II "Proċeduri tal-għażla" tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Novembru 2013, fil-5 ta' Lulju 2023, il-Bank Ċentrali Ewropew adotta lista mqassra għall-pożizzjoni ta' President tal-Bord Superviżorju u pprovda l-lista mqassra, akkumpanjata minn rapport ta' evalwazzjoni, lill-Parlament;

D. billi fit-13 ta' Settembru 2023, il-Bank Ċentrali Ewropew adotta proposta biex Claudia Buch tinħatar bħala President tal-Bord Superviżorju u bagħtet dik il-proposta lill-Parlament;

E. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament imbagħad għadda għall-evalwazzjoni tal-kredenzjali tal-kandidat propost, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013;

F. billi l-Kumitat ipproċeda għal smigħ mal-kandidata proposta fl-20 ta' Settembru 2023, u li matulu din tal-aħħar għamlet stqarrija preliminari u mbagħad wieġbet għall-mistoqsijiet li ġew indirizzati lilha mill-membri tal-Kumitat;

1. [Japprova l-ħatra ta' Clauda Buch bħala President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew għal perjodu ta' ħames snin]
[Ma japprovax il-ħatra ta' Claudia Buch bħala President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew, u jitlob li l-proposta tiġi rtirata u li titressaq waħda ġdida];

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.